II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-18 ta' Diċembru 2008**

**dwar il-ħatra ta' erba' membri tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMEA)**

(2009/75/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 65(1) u 65(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-lista tal-kandidati mħejjija mill-Kummissjoni fis-16 ta' Settembru 2008,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sinjura Mary G. BAKER, imwielda Londra (ir-Renju Unit) fis-27 ta' Ottubru 1936,

is-Sur Mike O'DONOVAN, imwieled Londra (ir-Renju Unit) fis-26 ta' Settembru 1946,

is-Sinjura Lisette TIDDENS-ENGWIRDA, imwielda Amsterdam (l-Olanda) fil-25 ta' Ġunju 1950

u

is-Sur Henk VAARKAMP, imwieled Terschuur (l-Olanda) fit-22 ta' Ġunju 1950,

huma b'dan maħtura membri tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMEA) għal perijodu ta' tliet snin.

*Artikolu 2*

Id-data li minnha għandu jibda l-perijodu ta' tliet snin imsemmi fl-Artikolu 1 għandha tkun determinata mill-Bord ta' Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMEA).

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BARNIER

([1]) ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.